# F'Ras il-Klitunnu

*(mit-Taljan ta' Giosuè Carducci)* **Fortunato Mizzi**

MILL-GĦOLJA, o xmara, li mal-fràxxnu nieket,
fir-ruħ ġemgumi tmewweġ u mill-bogħod
ma' l-arja tfewwaħ friska minn tal-bosk
bis-salvja w is-sagħtar,

baqgħet, mal-lejla niedja, tinżel għandek
sal-lum il-merħla; għandek mill-Umbrja t-tfajjel
in-nagħġa kontra qalbha ġewwa l-mewġa
jgħaddas, fil-waqt

li lejh, minn sider ommha samranija,
li ħafja tpoġġi fuq il-għatba u tgħanni,
tarbija ħarstha ddawwar u minn wiċċ
mimli titbissem:

ħosbien missierha, ġewwa ġlud tan-ngħaġ
riġlejh imgeżwra bħal tal-fawni antiki,
jaħkem l-impitter karrettun u l-qawwa
ta' l-għoġiela sbieħ:

ta' l-għoġiela sbieħ, kbir u mibrum sidirhom,
weqfin fuq rashom qrun għamla ta' qamar,
ħlewwa f'għajnejhom, bojod, li tant ħabb
Virġilju t-twajjeb.

Mudlam, fil-ħin, is-sħab fuq l-Appennini
idaħħan – kbira, ħarxa, imżejna bl-aħdar
minn fuq l-għoljiet li dawra tond jiżżerżqu
l-Umbrja tittawwal.

Lilkom insellem, Umbrja ħadra, għajn safja,
alla Klitunnu! Inħoss pajjiżi antik
ġo qalbi, inħoss irewħu ġbini mkebbes
l-allat Taljani.

Min qatt id-dell tas-siġra ġieb bikkejja
fix-xtut imqaddsa? Ir-riħ ta' l-Appennin
jisiltek, xitla dgħajfa, għożża ta' żmien
li xejn m'hu kburi!

Ħa tħabbat hawn max-xitwa u tinseġ ħrejjef
f'Mejju, bil-ħajja mimli, il-ġandra sewda,
dik li b'żgħożija hienja z-zokk minn tagħha
il-liedna tlibbes:

Hawnhekk, f'għadd kbir, madwar l-allat li jfeġġu,
bħal ġganti għassiesa, ħa jgħammru ċ-ċipressi:
w'inti, fid-dell, int l-għanja tad-destin
inseġ, o xmara.

O xhud ta' tliet saltniet, tkellem fuq dan,
kif l-iebes Umbru, fit-tisliet qalil,
ma ġiebx mal-ħatar ta' l-Etrusk u s-sħiħa
Etrurja kibret;

Għid kif, megħluba l-għolja taċ-Ċiminu,
fuq il-magħquda bliet, b'passi ta' ġgant,
niżel imbagħad Gradivu u s-simblu ħawwel
kburi ta' Ruma.

Imm'int tal-post, alla Taljan tat-tnejn,
kont tberred lir-rebbieħ u lill-mirbuħ
u, meta ragħdet ta' Kartaġni l-qilla
mit-Trasimenu,

mill-għerien tiegħek telgħet għajta w it-tromba
mħabbla mill-għoljiet mill-ġdid tennietha:
– Int li l-gendus qed tagħlef ħdejn Mevanja
fiċ-ċpar moħbija,

int li qed taħrat fuq l-għoljiet imħattba,
xellug in-Nar, inti li l-bosk qed tqaċċat
fuq Spoleto jew li tiżżewweġ sejjer
f'Todi l-ġellieda,

itlaq il-gendus smin mal-qasab, itlaq,
f'moħriet nofs radda, l-għoġol samrani, itlaq
fil-ġandra li qed tmil il-files, itlaq
fl-artal l-għarusa,

u ħaffef iġri! ħaffef bil-mannara,
ejja bil-vleġġa, bil-mazza, bil-ħatar!
iġri! qed jhedded l-allat ta' l-Italja
il-kiefer Nibblu. –

Ix-xemx, o b'liema dawl ta' ħajja tbissmet
fuq l-art imżejna kollha għoljiet ħelwin
x'ħin rat iwerżqu u maħrubin jitgerbbu,
f'taqbida ħarxa,

il-Mawri kiefra u tan-Numidja ż-żwiemel
l-għolja Spoleto, u fuqhom sħaba sewda
ta' ħadid, xmajjar ta' żejt jikwi u l-għanja
ta' ksib ir-rebħa!

Kollox hu sieket issa. Ġewwa x-xmara
ħiemda, nitfa gelgul nilmaħ jitmerżaq,
jirtogħod u bi tnibbiet ħafif il-mera
iħożż ta' l-ilma.

Bla ma jitħarrek, midfun fil-qiegħ, bosk
żgħir jitbissem u l-friegħi jarmi – d-djaspru
donnu jixxeblek ġo barmiet ta' mħabba
ma' l-ametista.

U l-għamla taż-żaffir għandhom il-fjuri,
għandhom tad-djamant iebes it-tlellix;
u jiddu bierda u jistidnuk għas-skiet
tal-qiegħ ħadrani.

F'riġlejn l-għoljiet, Italja, u f'dell il-ġandar
il-għana tiegħek jaf, max-xmara, il-bidu,
Hemm għammru n-ninfi, hemmhekk hum' għammru: imbierka
hi din ir-rokna.

Kienu jixirfu twal, ġo veli jperpru,
in-najjadi ċelesti u, skiet il-lejl,
kienu bil-qawwa jsejħu mill-għoljiet
lil ħuthom somor,

u żfin fid-dawl tal-qamar jiddi fuqhom
kienu jinsġu, ferħana jgħannu f'daqqa
lil Ġanu etern u b'kemm imħabba ħabb
lil Kamezina.

Hu minn ġos-sema; tal-post, hija, xebba
mibruma: il-friex kien l-Appennin imdaħħan:
sħab iswed għatta l-kbir tgħanniq u twieldet
razzet l-Italja.

Kollox hu sieket issa, armel Klitunnu,
kollox – mit-tempji sbieħ li kellek wieħed
għad baqa' u ġewwa fih, liebes il-porpra,
m'hemmx aktar int.

Iżjed m'għadux, imxarrab bl-ilma mqaddes,
kburi u vittma wkoll, iġorr il-barri,
tifkir tal-gwerra, ġewwa t-tempji: Ruma
m'hix tirbaħ iżjed.

M'hix tirbaħ iżjed dment li galilew,
xagħru ħamrani, fuq Kampidolju tela',
salib xeħtilha fuq dirgħajha u qallha:
"Dan erfa' w qim."

Ħarbu bikkejja jistaħbew fix-xmajjar
in-ninfi, u ġo qoxriet is-siġar tagħhom;
inkella, bi twerżiqa, fix-xejn għebu,
bħal sħab fil-għolja,

X'ħin ġemgħa nies imberfla minn ġot-tempji
bojod, imneżżgħa u bil-kolonni mġarrfa,
għaddiet bil-mod, imlibbsa xkejjer suwed,
tgorr litanija,

u fuq l-egħlieqi li jdamdmu bix-xogħol
tal-bniedem u fl-irdum li jaf l-imperu
għamlet deżert u dad-deżert sejħitlu
renju tas-sema.

Firdu mill-moħriet safi l-ġnus, mix-xjuħ
l-ulied, l-irġiel miż-żgħażagħ nisa tagħhom,
kull fejn ix-xemx imqaddsa kienet tbierek
lesti biex jisħtu

Lesti biex jisħtu l-ħidma ta' dil-ħajja
u ta' l-imħabba, huma, f'thewdin, bdew jilmħu
irbit qalil u ta' tbatija m'Alla
f'għerien u rdum.

Niżlu fl-irħula b'xewqa ta' tgħakkis,
sakrana, u f'geġwiġija tat-twerwir,
talbu bil-ħrara l-imsallab, midinba,
li jkunu mkasbra.

Is-sliem għalik, kwieta fi xfar l-Ilissu
u sħiħa u dritta ħdejn ix-xtut tat-Tebru,
o ruħ il-bniedem: Żmien id-dlam iss'għadda,
stenbaħ u saltan.

U lilek, omm il-għoġol qatt għajjien
ikisser l-art u jħaddem raba' mserraħ,
omm żwiemel ħorox li jiżhru fil-gwerra,
omm twajba Italja,

omm il-ħafur u l-għenba u l-ħaqq ta' dejjem,
omm arti mqima, għaxqa tal-ħajja, lilek
insellem, lilek l-għana tat-tifħir
antik inġedded.

Bl-għanja, l-għoljiet jifirħu w il-bosk u x-xmajjar
ta' l-Umbrja ħadra: minn quddiemna jdaħħan,
ħabbâr ta' ħidmiet ġodda, u jsaffar mgħaġġel
vapur ta' l-art.

14 ta' Novembru, 1986